

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-7 ta' Ottubru 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari mit-Tribunale di Bolzano — l-Italja) — proċeduri kriminali vs Martha Nussbaumer

(Kawża C-224/09) ⁽¹⁾

(Talba għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 92/57/KEE — Ħtiġiet minimi ta' sigurtà u saħħa li għandhom jiġi implementati f'postijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli — Artikolu 3 — Obbligi li jinħatar koordinatur fil-qasam ta' sigurtà u ta' saħħa kif ukoll li jiġi stabbilit proġett ta' sigurtà u ta' saħħa)

(2010/C 328/11)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinvju

Tribunale di Bolzano

Parti fil-proċedura kriminali prinċipali

Martha Nussbaumer.

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunale di Bolzano — Interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/57/KEE, tal-24 ta' Ġunju 1992, dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u saħħa li għandhom jiġi implementati f'postijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli (it-tmien Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5 Vol. 2, p. 71) — Xogħilijiet privati mhux suġġetti għall-permess tal-bini — Deroga mill-obbligu li jiġi maħtur koordinatur għal kwistjonijiet tas-sigurtà u tas-saħħa fl-istadju tal-preparazzjoni tal-proġett jew matul it-twettiq tiegħu

Dispożittiv

(1) L-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/57/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u saħħa li għandhom jiġi implementati f'postijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli (it-tmien Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), għandu jiġi interpretat b'dan il-mod:

— l-Artikolu 3(1) jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti deroga, għal post ta' kostruzzjoni li fih ser iseħħu xogħlijiet privati li ma jeħtiġux permess ta' bini u li ser ikunu preżenti fih diversi kuntratturi, mill-obbligu tal-kliment jew ta' dak responsabbli mix-xogħlijiet li jinnomina koordinatur ta' sigurtà u ta' saħħa waqt l-istadju tal-preparazzjoni tal-proġett, jew, f'kull każ, qabel l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet;

— l-Artikolu 3(2) jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-obbligu tal-koordinatur responsabbli mill-istadju tar-realizzazzjoni tax-xogħol li jistabbilixxi pjan ta' sigurtà u ta' saħħa għal meta diversi kuntratturi huma mqabbda f'post ta' kostruzzjoni li fih ser iseħħu xogħlijiet privati li ma jeħtiġux permess ta' bini u li ma tħiux bħala kriterju ta' dan l-obbligu

r-riskji partikolari bħal dawk imsemmija fl-Anness II tal-imsemmija direttiva.

(¹) ĠU C 205, 29.08.2009

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-7 ta' Ottubru 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Augstākās tiesas Senāts — Ir-Repubblika tal-Latvja) — Stils Met SIA vs Valsts ieñemmu dienests

(Kawża C-382/09) ⁽¹⁾

("Tariffa Doganali Komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Kapitolu 73 — Wajers bis-swiegli u kejbils tal-azzar — Intestatura 7312 — Kodiċi TARIC — Żball fil-klassifikazzjoni tariffarja — Ċirkulazzjoni libera tal-merkanziji — Regolament (KE) Nru 384/96 — Dazji antidumping — Multa daqs l-ammont totali tad-dazji antidumping")

(2010/C 328/12)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinvju

Augstākās tiesas Senāts

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Stils Met SIA

Konvenut: Valsts ieñemmu dienests

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Augstākās tiesas Senāts — Interpretazzjoni tal-Kapitolu 73 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 02 Volum 02, p. 382), kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1789/2003, tal-11 ta' Settembru 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 02 Volum 14, p. 03), u bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004, tas-7 ta' Settembru 2004 (ĠU L 327, p. 1) — Interpretazzjoni tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjoni jiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Volum 10, p. 45) — Wajers u kejbils tal-azzar, mhux miksiġin jew miksiġin biż-żingu, tkun xi tkun il-kompożizzjoni kimika tagħħom, b'mod partikolari dik tal-liga tal-azzar, li mhux ġejjin la mill-Moldova u lanqas mill-Marokk — Klassifikazzjoni taħha l-intestaturi 7312 10 82 19, 7312 10 84 19, 7312 10 86 19 tan-Nomenklatura Magħquda għal 2004 u 2005 — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippordvi għal sanzjoni ta' ammont li jikkorrispondi għal dak ta' dazju antidumping